**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum, 14 ta' Ottubru 2016**

**Appell Nru: 28/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Francene Cini**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti Francene Cini, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 886G akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-27 ta' Ottubru, 2015, għall-ħabta tal-5.00pm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex:

1. Insulentat lil Dominic Zammit bi kliem;

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'każ ta' ħtija il-Qorti tapplika l-garanzija ai termini tal-Artikolu 383 u 384 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-14 ta' Jannar, 2016, li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi u ċioe' l-Artikoli 637, 638, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja skont l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannata għal xahar detenzjoni.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Francene Cini ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 2016, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tikkanċella s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberha mill-piena jew, alternattivament tvarja s-sentenza f'dik il-parti tagħha li tikkoncerna l-piena.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet ix-xhieda u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-28 ta' Ottubru 2015 għall-ħabta tal-10.10 am Domenic Zammit mar l-għassa tar-Rabat, Għawdex u rrapporta li l-jum ta' qabel kienet ċemplitlu l-imputata li għal xi żmien kienet is-sieħba tiegħu u qaltlu li lit-tifla kellha ddaħħalha l-isptar. Meta huwa mar l-isptar l-imputata bdiet tgħajjat li huwa ma kienx għadu magħha u li l-kustodja kienet f'idejha u meta t-tabib saqsihom jekk xi ħadd kienx ipejjep l-imputata qabżet u qaltlu li Domenic Zammit "coke" kien jieħu.

**6.** L-aggravji tal-appellanti Francene Cini huma sostanzjalment is-segwenti:

1. Il-kontravvenzjoni prevista fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tikkonfigura biss jekk l-inġurija ma tkunx tammonta għal xi reat iehor mentri l-allegazzjoni tal-imputata li l-kwerelant jieħu l-coke kienet bil-ħsieb li jitnaqqas il-ġieħ tal-kwerelant billi tweġġgħu b'dak il-kliem u dan jammonta għar-reat l-ieħor ta' inġurja previst fl-artikolu 252(1) tal-Kap 9 li dwaru l-appellanti kienet tkun tista' tipprevalixxi ruħha mill-eċċezzjonjiet previsti fl-artikolu 253(b) tal-Kap 9. Dan l-istat ta' fatt jeskludi r-reat taħt l-artikolu 339(1)(e).

2. Ir-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) huwa eskluż ukoll għaliex l-inġurja in kwistjoni ma saritx *de visu* u f'dan ir-rigward saret riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Pulizija v Joseph Gauci deċiża fit-3 ta' Settembru 2001.

3. L-ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat u erronju tal-provi stante li l-appellanti dejjem cahdet li qalet il-kliem attribwit lilha u dan gie kkonfermat minn missierha li kien ukoll prezenti u setgħa gie kkonfermat mit-tabib. Kien jispetta lill-prosekuzzjoni li, sabiex tipprova l-htija tingungi wkoll lit-tabib li wara kollox kien il-persuna lil min intqal dan is-suppost kliem.

4. Il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

**Ikkunsidrat:**

**7.** Il-Qorti qabel xejn tissenjala li l-kwerelant qatt ma esprima inekwivokabilment li kien qiegħed jirtira l-kwerela li kien għamel u anzi ripetutament sostna li dak li ried kien li l-affarijiet ma jibqgħux sejrin hekk.

**8.** In kwantu għal**l-ewwel aggravju**, l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti tinkwadra fil-kontravvenzjoni prevista fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. L-appellanti kjarament ma hix imputata bir-reat, li hu delitt, previst fl-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk din il-Qorti ma tistax issib fl-imputata appellanti ħtija ta' xi inġurja oħra ħlief dik imputata lilha fl-imputazzjoni. Kien ikun xort'oħra li kieku l-imputata kienet imputata wkoll bid-delitt taħt l-artikolu 252(1) imsemmi għaliex f'dik l-eventwalita' kien ikollha tindaga jekk il-fatti jinkwadrawx ruħhom f'dak ir-reat u jekk jirriżultalha li hu hekk allura kienet tkun prekluża milli ssib ħtija taħt l-artikolu 339(1)(e). Dan ma hux il-każ hawn u għalhekk din il-Qorti hi prekluża milli tispekula jekk fuq il-provi li jirriżultawlha kienetx tirriskontra ħtija ta' xi inġurja msemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ in speċe taħt l-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali. Dak li trid tistabilixxi din il-Qorti hu jekk mill-provi rriżultax xi għemil inġurjuż fil-konfront ta' ħaddieħor. Jekk dan jirriżulta, fin-nuqqas ta' imputazzjoni ta' xi inġurja imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tkun trid issib il-ħtija tal-imputazzjoni li nġiebet fil-konfront tal-imputata appellanti. Dan l-aggravju huwa għalhekk respint.

**9.** Niġu issa għat-**tieni aggravju** li permezz tiegħu l-appellanti ssostni li r-reat taħt l-artikolu 339(1)(e) huwa eskluż għaliex dan jirrikjedi li l-inġurja ssir *de visu*. Il-Qorti tibda billi tirrileva li fis-sentenza Pulizija v Joseph Gauci deċiża fit-3 ta' Settembru 2001 ċitata mill-appellanti ma jingħad xejn minn dak allegat mill-appellanti. Huwa fir-rigward tar-reat ta' oltraġġ taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali li l-qrati tagħna rritenew li biex jinkwadra dak id-delitt il-kliem relevanti jridu jiġu proferiti fil-presenza ta' l-uffiċjal in kwistjoni jew *de visu* għax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltraġġ iżda dak ta' inġurja komuni[1]. Għalhekk dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi respint.

[1] App Kr Inf: P v Amante Camilleri, 17/10/1997; Ara wkoll App Kr Inf: P v Emmanuele, 12/12/1936

**10.** In kwantu għa**t-tielet aggravju** dwar l-allegat apprezzament żbaljat u erronju tal-provi, il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti dwar din ix-xorta ta' aggravju hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx raġionevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**11.** Domenic Zammit xehed li meta wasal l-isptar l-imputata bdiet tgħajjat li ma rieditux hemm ġew iżda meta qal lit-tabib li huwa kien missier it-tifla t-tabib ħallieh jidħol. F'ħin minnhom it-tabib beda jagħmel xi domandi sakemm saqsa lil Domenic Zammit u lill-imputata appellanti jekk kienux ipejpu. Zammit xehed li hawn l-imputata wieġbet li Zammit "coke jrid jibla" u billi kien hemm preżenti t-tabib u tlett nurses Zammit iddejjaq b'dak id-diskors. Dak il-lejl huwa baqa' mat-tifla u mar id-dar tard filgħaxija u għalhekk mar jirrapporta l-inċident l-għassa tal-pulizija 'l għada. In kontroeżami Zammit ippreċiża li meta ingħad il-kliem "coke jrid jibla'" kien preżenti wkoll missier l-imputata, Joseph Cini.

**12.** Joseph Cini xehed li dakinhar l-isptar ma ġara xejn u li Zammit u l-imputata qagħdu jitħaddtu bħalma kienu s-soltu. Tkellmu bejniethom dwar min kien ħa jqatta l-lejl mat-tifla l-isptar u affarijiet hekk. Huwa ma semax lit-tabib jagħmlilhom domandi u lanqas jiftakar it-tabib x'qallhom dakinhar. Ix-xhud ġie mistoqsi diversi drabi jekk kienx sema lit-tabib isaqsi dwar xi ġralha t-tifla iżda fuq hekk baqa' evasiv u naqas milli jwieġeb b'mod ċar u skjett sakemm il-Qorti wkoll insistiet miegħu sabiex iwieġeb id-domanda u ma jagħtix tweġibiet għal domandi li ħadd ma saqsih. Sa fl-aħħar Joseph Cini wieġeb li t-tabib beda jsaqsi xi ġralha t-tifla, kemm ilha li ġralha dan, sakemm qallhom li kien ħa joħduha ġos-sala biex jiċċekkjawha. Mistoqsi jekk it-tabib saqsiex jekk Zammit u l-

imputata kienux ipejpu Joseph Cini wiegeb li ma semax dan id-diskors u li ma jiftakarx jekk it-tabib kienx saqsihom ipejpux. In kontroeżami ix-xhud ikkonferma li huwa kien il-ħin kollu preżenti.

**13.** Meta xehedet l-imputata quddiem din il-Qorti hija ċaħdet li kienet qalet id-diskors li Domenic Zammit "coke jrid jibla" jew "coke jrid jieħu". In kontroezami ċaħdet li quddiem l-ewwel qorti kienet qalet dak il-kliem u żiedet li ma tafx x'qalet u ma qalitx dakinhar. Qalet ukoll li meta t-tabib staqsiha jekk tpejjipx hija ma tkellmitx dak il-ħin u li kien hemm it-tifla twieġeb għalkemm żiedet li dak il-ħin it-tifla kienet tirremetti. Hija ċaħdet li meta Domenic Zammit wasal l-isptar hija qaltlu jitlaq 'il barra. Mistoqsija jekk quddiem l-ewwel Qorti kienetx semmiet il-kliem "Coca Cola" jew "Coke" l-imputata ċaħdet li qalet dan il-kliem.

**14.** Il-Qorti kellha l-opportunità li tisma x-xhieda msemmija jixhdu *viva voce* u għalhekk setgħet tosserva l-komportament tagħhom u tistqarr li l-imputata u missierha xejn ma taw impressjoni pożittiva u anzi kkomportaw ruħhom b'mod mill-aktar evażiv u inkonsistenti kif anki jidher mir-riassunt tax-xiehda tagħhom riportata hawn fuq. Il-Qorti kellha diversi drabi tinsisti mal-imputata u missierha sabiex iwieġbu għad-domandi li jsirulhom flok jgħidu affarijiet li ħadd ma jkun saqsihom dwarhom. Kien jidher ċar li t-tnejn li huma għoġobhom jinsew dak li seta jkun inkonvenjenti għalihom jew għall-imputata mentri imbgħad ftakru, għalkemm wara domandi persistenti, anki ċerti dettalji. Fi ftit kliem kemm l-imputata kif ukoll missierha bl-imġieba tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda ma taw l-anqas l-iċken affidament ta' persuni kredibbli u vertieri.

**15.** Minn naħa l-oħra, din il-Qorti tikkondividi l-apprezzament tal-ewwel Qorti tax-xhud Domenic Zammit fejn esprimiet il-fehma li x-xiehda tiegħu hija veritiera u għandha mis-sewwa. Ix-xhud Domenic Zammit xehed quddiem din il-Qorti mingħajr tlaqlieq, bi skjettezza

ammirevoli u mingħajr ħafna tidwir mal-lewża u kien kategoriku u konsistenti fix-xiehda tiegħu dwar li l-imputata kienet qalet lit-tabib tiegħu li huwa (Domenic Zammit)  "coke jrid jibla". Kif irrilevat l-ewwel qorti dan ma setax jiftiehem bħala xi riferenza għax-xarba coca cola meta d-domanda kienet kienux ipejpu. Fil-kuntest tal-affarijiet din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li l-imputata kienet qed tattribwixxi lill-imputat li huwa kellu l-vizzju li jieħu d-droga meta dan ma hu sostnut b'ebda mod.

**16.** Fid-dawl ta' dak kollu premess, għalhekk, din il-Qorti  ma ssib ebda raġuni valida sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwwel qorti u anzi tistqarr li tikkondividih pienament.

**17.** <u>**Ir-raba u l-aħħar aggravju**</u> jsostni li l-piena kienet waħda eċċessiva. Ghal darb'ohra jigi ribadit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena fejn din tkun taqa' fil-parametri tal-ligi u sakemm dik il-piena ma tkunx wahda manifestament eccessiva jew ma jkunx hemm ragunijiet serji ohra li minhabba fihom din il-Qorti jkollha tintervjeni billi timmitiga l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

**18.** Il-Qorti tosserva li l-fedina penali tal-imputata għar-rigward tal-perjodu anteċedenti d-data tar-reat odjern, għalkemm mhux netta, ma hix partikolarment oneruża.  Fl-istess ħin din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-fatt li tiegħu l-imputata appellanti qiegħda tinstab ħatja huwa ta' ċertu gravità tenut kont tal-fatt li l-allegazzjoni li għamlet fil-konfront ta' Domenic Zammit tattribwilu l-kommissjoni ta' reat kriminali. B' danakollu, in vista tal-fatt li l-appellanti għandha taħt il-kura tagħha żewġt itfal minuri ta' eta' żgħira din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti. Il-miżura li forsi kienet tkun dik l-aktar indikata fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kienet tkun is-sospensjoni tal-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel

Qorti iżda, billi l-liġi fl-artikolu 28A(1) tikkontempla biss is-sospensjoni ta' sentenzi ta' priġunerija, din il-Qorti hi prekluża milli taddotta tali miżura ta' sospensjoni. Għalhekk, peress li l-Qorti tibqa' tal-fehma li, għar-raġunijiet imsemmija, għandha timmitiga l-piena imposta mill-ewwel Qorti, sejra tissostitwixxi l-piena ta' detenzjoni imposta mill-ewwel Qorti b'piena ta' natura pekunjarja li tkun qrib il-massimu previst mil-liġi.

Għaldaqstant il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti kkundannat lill-imputata appellanti għall-piena ta' xahar detenzjoni u minnflok, wara li rat l-artikolu 13(1) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannha għall-piena ta' *ammenda* ta' tmienja u ħamsin euro (€58), u tikkonfermha fil-bqija.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur